MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2014

Appell Civili Numru. 503/2007/1

**Stivala Operators Limited (C23860)**

**v.**

**Fithome Interiors Limited (C9310)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attrici li hi pprezentat fit-8 ta' Mejju, 2007 li jaqra hekk:

"1. Illi l-partijiet kienu ffirmaw kuntratt fid-29 ta' Mejju 2004 (Dok A). Illi skond l-istess kuntratt is-socjeta` intimata kellha tiehu hsieb il-*manufacture, supply and delivery, installation of doors*" kif specifikat fid-dokument anness mal-istess kuntratt.

"2. Illi s-socjeta` rikorrenti hallset l-ammont ta' Lm66,280 skond il-kuntratt lis-socjeta` intimata.

"3. Illi wara li sar il-hlas is-socejta` rikorrenti saret taf li bhala fatt il-bibien installati mis-socjeta` intimata ma kienux skond il-kwalita` pattwita, u d-disinn tal-bibien ma kienx skond is-sengha.

"4. Illi s-socjeta` intimata giet interpellata biex tirranga l-bibien jew tnehhi l-bibien mhux skond il-kwalita` pattwita izda baqghet inadempjenti.

"Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti:

"(a) tiddikjara li s-socjeta` intimata ikkonsenjat bibien lis-socjeta` rikorrenti mhux skond il-kwalita` pattwita u/jew b'disinn mhux skond is-sengha.

"(b) tordna l-istess socjeta` intimata biex tiehu l-bibien mhux skond il-kwalita` pattwita u/jew b'disinn mhux skond is-sengha lura.

“(c) tistabbilixxi l-ammont ta’ danni sofferti mis-socjeta` rikorrenti u dawk id-danni li ghad tista’ ssofri minhabba n-nuqqasijiet tas-socjeta` intimata anki bin-nomina ta’ perit.

“(d) tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas dak l-ammont li jigi stabbilit bhala danni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“Illi l-pretensjonijiet tas-socjeta` rikorrenti huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

“1. Illi l-bibien li kienu gew installati lill-istess kumpanija rikorrenti skond il-kuntratt ta’ bejn il-partijiet tad-29 ta’ Mejju 2004, saru skond is-sengha u l-arti u skond id-disinn miftiehem bejn il-partijiet.

“2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi problema fl-istess bibien hija imputabbli ghat-traskuragni tal-kumpannija rikorrenti li tissottoponi l-istess bibien ghal kwantitajiet ta’ ilma u ghal livell gholi ta’ umdita` kif ser jigi ippruvat waqt il-kors ta’ din il-kawza.

“3. Illi wkoll minghajr pregudizzju, il-kwistjoni tad-disinn ma tqajjmet qatt fl-ebda korrispondenza bejn il-partijiet qabel ma nfethet din il-kawza, u stante li d-differenza fid-disinn tal-bibien hija haga li wiehed jinnota mill-ewwel, is-socjeta` intimata taraha stramba kif qed jitqajjem dan l-ilment wara snin.

“4. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ma huwiex minnu li s-socjeta` rikorrenti hallset il-prezz kollu lis-socjeta` initmata, tant li kellhom jinfethu proceduri ghal dan il-ghan mis-socjeta` initmata ghall-gbir tar-rimanenti bilanc skond l-istess kuntratt ta’ bejn il-partijiet, proceduri li jinsabu pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Avviz Nru.: 127/07JAB).

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Jannar, 2011, li in forza taghha ddecidiet il-kawza kif gej:

> "Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata, kuntrarjament ghal dak sostnut minnha, ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti kif jirrizulta mir-rapport tal-perit tekniku, u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.
>
> "Il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` intimata li fil-hsarat kien hemm xi traskuragni tas-socjeta` rikorrenti bi kwantitajiet ta' ilma u b'livell gholi ta' umdita`.
>
> "Dwar it-tielet eccezzjoni fuq il-kwistjoni tad-disinn, is-socjeta` rikorrenti m'ghamlitx provi sufficjenti li jindikaw xi tibdil tad-disinn mill-mod pattwit u ghalhekk tilqa' din l-eccezzjoni.
>
> "Dwar ir-raba' eccezzjoni dwar proceduri ghall-gbir tar-rimanenti bilanc, ma ngabu ebda provi dwar dan l-aspett quddiem din il-Qorti u ghalhekk tichad l-istess eccezzjoni.
>
> "Is-socjeta` rikorrenti talbet li l-Qorti tiddikjara li l-bibien ikkonsenjati lis-socjeta` rikorrenti mhux tal-kwalita` pattwita u b'disinn mhux skond is-sengha. Dan propjament mhux korrett ghax irrizulta li l-bibien kienu tal-kwalita` pattwita fis-sens ta' materjal. Ukoll dwar disinn, ma ngabet ebda prova ta' tort tas-socjeta` intimata. Kien id-difett fil-*lipping* li wassal ghall-inadegwatezza totali tal-bibien li ikkawza umdita` fil-bibien u anke tibdil fil-kulur, u ghalhekk is-socjeta` rikorrenti hija biss parzjalment korretta dwar din it-talba.
>
> "Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti tistabbilixxi l-ammont ta' danni sofferti minnha u li tista' ssofri minhabba nuqqasijiet tas-socjeta` intimata. Il-perit tekniku semma li tiswija mhix prattikabbli u ta diversi ragunijiet ghaliex. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tordna tiswija. Is-socjeta` rikorrenti gja gawdiet mill-uzu tal-bibien ghal numru ta' snin u jekk izzommhom ser tibqa' tgawdi ghal xi snin ohra. Min-naha l-ohra, jekk persuna jew socjeta` tordna oggetti,

din ghandha dritt ghal oggetti minghajr difetti. Il-perit tekniku ma ezaminax dan l-aspett u l-Qorti thoss li jkun ahjar li tipprocedi immedjatament minghajr dewmien aktar ta' zmien billi tistabbilixxi l-ammont ta' danni *arbitrio boni viri* fis-somma ta' €75,000.

"Finalment ghalhekk dwar l-ahhar talba tas-socjeta` rikorrenti, tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas dan l-ammont ta' €75,000 bhala danni.

"Dwar spejjez, tliet kwarti ghas-socjeta` intimata u kwart ghas-socjeta` rikorrenti."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"**B. PROVI:**

"Rat id-digriet tad-9 ta' Ottubru 2007 li permezz tieghu l-Qorti innominat lil Dr. Philip Galea bhala Perit Tekniku.

"Rat id-digriet tal-25 ta' Gunju 2008 li permezz tieghu Dr. Philip Galea gie sostitwit bil-Perit Renzo Borg Grech.

"Rat id-digriet tat-3 ta' Dicembru 2008 li permezz tieghu l-Perit Renzo Borg Grech gie sostitwit bl-AIC Amadeo Mifsud bhala espert tekniku.

"Gie prezentat affidavit ta' Alfred Vella, Direttur tas-socjeta` Fithome Ltd, li semma li l-kugbiena t'isfel li hi mahduma mill-injam mastizz, tigi mghottija b'fuljetta jew *laminate* u mwahhla b'kolla shuna (*hot glue*) b'temperatura ta' 240C biex tissigilla l-kument t'isfel (kif jidher fid-dettall fid-dokument li annetta). Semma kwantita` kbira ta' postijiet fejn inhadmu bl-istess mod il-bibien.

“Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku AIC Amadeo Mifsud li fiha semma:

“KONSIDERAZZJONIJIET

“Qabel wasal għall-konklużjonijiet tiegħu l-esponent a bażi tas-suesposti osservazzjoniet li għamel in situ u wara li eżamina d-dokumenti tal-proċess, għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“5.01 Ġie stabbilit il-proċess illi wassal għall-kuntratt ta’ appalt bejn il-partijiet, li ġie ikkonfermat mill-partijiet in kawża waqt l-aċċess, u li kien hekk:

“a) Rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti mar fl-istabbiliment tas-soċjetà intimata, fejn kienu jinsabu eżibiti diversi tipi ta’ bibien, għażel tip ta’ bieb u talab li jitwaħħlu kampjuni ta’ dan it-tip ta’ bieb fil-kamra numru 913 (li issa għandha n-numru 733);

“b) Impjegati tas-soċjetà intimata waħħlu bibien tat-tip magħżul fil-kamra numru 913;

“c) Is-soċjetà rikorrenti talbet u ngħatat stima tal-bibien tal-istess tip għal kmamar oħra tal-lukanda;

“d) Ġiet aċċettata l-istima mis-soċjetà rikorrenti u segwa kuntratt ta’ appalt li kopja tiegħu tinsab fl-atti tal-proċess u li magħha ġie anness *priced bill of quantities*.

“5.02 L-oġġett tal-imsemmi kuntratt, kif definit fl-istess kuntratt, hu, *“joinery works at Hotel Petit Paradis, 143, The Strand, Sliema, comprising the manufacture, supply and delivery installation of doors as specified in the attached document, hereinafter referred to as Appendix A, and in conformity with the samples.”*

“5.03 Minkejja l-indirizz tas-sit imsemmi fil-kuntratt, ġie stabbilit illi is-sit huwa l-istess wieħed fejn sar l-imsemmi aċċess. Dwar dan qablu ż-żewġ partijiet in kawża.

“5.04 L- *Appendix A* tispeċifika, fost affarijiet oħra li m’ghandhomx x’jaqsmu mal-bibien in kwistjoni, tliet tipi ta’ bibien hekk:

*“A) Single leaf FD30S doors in smoked beech finish complete with intumescent cold smoke seals, overhead door closers and fire rated sealant around door assembly. All as per samples installed on site – Room 913;*

*“b) Ditto as Item 1.01 but with georgian wired vision panel;*

*“c) Ditto as Item 1.01 but unrated bathroom door in two flaps as per sample installed on site – Room 913;*

“5.05 Fl-artikolu 7.01 il-kuntratt jistipula li meta jitlestew ix-xogħolijiet jinħareġ *“certificate certifying that the WORKS have been satisfactorily completed by the CONTRACTOR with regard to workmanship and materials.”*

“5.06 L-artikolu 7.02 jżid, *“Saving proof to the contrary by the CLIENT, the Certificate of Completion shall constitue proof that the WORKS carried out by the CONTRACTOR are in conformity with the samples and are fit for the use for which they are destined.”*

“5.07 Waqt l-aċċess l-esponent staqsa jekk dan iċ-ċertifikat kienx inħareġ u ż-żewġ partijiet in kawża qablu li kien inħareġ; qablu wkoll illi, minkejja li dan ma joħroġx ċar mill-kuntratt, dan iċ-ċertifikat kien intiż biex jiċċertifika biss illi l-bibien kellhom il-*fire rating* speċifikat fl-appendiċi.

“1. KONKLUŻJONIJIET

“Mill-fatti kollha li ġew a konjizzjoni tal-esponent u mill-konsiderazzjonijiet li saru fuq is-sit tax-xogħlijiet in kwistjoni, kif esposti qabel, l-esponent jiġbed dawn il-konklużjonijiet segwenti:

“**6.01 <u>Il-kwalità pattwita</u>**

“6.01.1 Il-kwalità pattwita tal-bibien hija speċifikata fil-kuntratt u tikkonsisti f’dawn iż-żewġ rekwiżiti:

*“a)* *“as specified in the attached document”* (jiġifieri *Appendix A*); u

*“b)* *“in conformity with the samples.”*

“6.01.2 Id-dokument anness mal-kuntratt (*Appendix A*) jispeċifika il-*fire rating* tal-bibien, inklużi l-*fittings* meħtieġa għal dan il-għan, u l-partijiet in kwistjoni ikkonfermaw waqt l-aċċess illi l-kwalità tal-bibien f’dan ir-rigward ma ġietx nieqsa.

“6.01.3 Waqt l-aċċess, wara li l-esponent eżamina l-bibien tal-kamra numru 733 (*gia* 933) u diversi bibien oħra, ma rriskontra xejn ta’ sustanza li jagħżel lil tal-ewwel minn tal-aħħar u għalhekk jikkonkludi illi il-bibien huma *“in conformity with the samples.”*

“6.01.4 Minn dan, l-esponent jikkonkludi illi il-bibien li ġew eżaminati waqt l-aċċess huma skond il-kwalità pattwita għax jirriżultaw konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-kuntratt.

"**6.02** **<u>Disinn skond is-sengħa</u>**

"6.02.1 Għal dak li għandu x'jaqsam mad-disinn tal-bibien, u b'mod partikolari dwar il-kwistjoni jekk id-disinn kienx jew le skond is-sengħa, l-esponent jikkonkludi kif isegwi:

"a) Il-forma tal-kuntratt ta' appalt ta' bejn il-partijiet in kwistjoni ma tassenja l-ebda kompitu ta' disinn lill-kuntrattur (is-soċjetà intimata). Il-forma ta' kuntratt ta' appalt illi jobbliga lill-kuntrattur jipprovdi kemm disinn kif ukoll appalt tissejjaħ *Design and Build*. Il-kuntratt in kwistjoni mhux ta' din il-forma għax ma jgħabbix lill-kuntrattur bi kwalunkwe responsabbiltà li jipprovdi disinn, inqas u inqas li jipprovdi disinn skond is-sengħa. Għalhekk, fil-kuntratt odjern din ir-responsabiltà taqa' fuq is-sid (is-soċjetà rikorrenti) u mhux fuq il-kuntrattur (is-soċjetà intimata).

"b) Il-prassi li għandha tiġi addottata minn sid li jidħol f'kuntratt ta' appalt ta' din ix-xorta hija illi l-ewwel u qabel kollox iqabbad espert biex (1) jipprovdi disinn li jkun kemm għas-sodisfazzjon tas-sid kif ukoll adegwat għall-użu intiż tal-prodott, (2) jikkomunika b'mod ċar kemm jista' jkun dan id-disinn lill-kuntrattur permezz ta' pjanti, *specifications* u mezzi adegwati oħra, (3) jivverifika li l-prodott li jipprovdi l-kuntrattur jikkonforma ma' dan id-disinn, u (4) jiċċertifika tali adempjenza. Fil-każ in kwistjoni, filwaqt illi jidher li sar dan kollu f'dak li għandu x'jaqsam mal-*fire rating* tal-bibien u mar kollox sew, ma jirriżultax li sar hekk f'dak li għandu x'jaqsam ma' karatteristiċi oħra tal-bibien. Kif diġà espost iktar 'l fuq, l-unika eżiġenza tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward ta' dawn il-karatteristiċi l-oħra kienet illi l-bibien ikunu *"in conformity with the samples"* kif fil-fatt jirriżultaw li huma.

"c) In-nuqqas ta' disinn min-naħa tas-soċjetà rikorrenti ma jeżonerax lis-soċjetà intimata milli tipprovdi xogħol skond is-sengħa, speċjalment fejn għandhom x'jaqsmu miżuri elementari bħal, per eżempju, it-twaħħil ta' *lipping* fuq il-kument tan-naħa t'isfel tal-bieb, propju fejn dan jista' jixxarrab b'ilmiet tal-ħasil tal-art. Fl-opinjoni tal-esponent, biex isir dan il-*lipping* mal-kuġbiena t'isfel tal-bieb, ma kien hemm għalfejn l-ebda disinn jew *specifications* min-naħa tas-sid; kien jenħtieġ biss illi il-kuntrattur jeżegwixxi x-xogħol skond is-sengħa. Iżda dan il-*lipping* ma sarx u dan huwa nuqqas tal-kuntrattur (is-soċjetà intimata) liema nuqqas jikkontribwixxi għall-problema in kwistjoni billi jaggravaha fin-naha t'isfel tal-bibien, jiġifieri, fil-kuġbiena.

"**6.03** **<u>Il-Kawża u l-effetti</u>**

"6.03.1 L-esponent huwa tal-fehma illi biż-żewġ konklużjonijiet li għadhom kemm ġew esposti eżawrixxa l-inkarigu tiegħu kif mifhum. Billi dan ma jagħti l-ebda ħjiel dwar x'setgħet kienet il-kawża tal-problema odjerna, qiegħed jipproponi ipoteżi, bażata fuq analiżi teknika tal-fatti li ġew riskontrati waqt l-aċċess, li tista' tispjega din il-kawża.

"6.03.2 Meta injam fi kwalunkwe forma tiegħu jitelf il-kulur bil-mod li ġie osservat, il-kawża ta' dan hija jew intrużjoni tal-ilma fil-laħam tal-injam, u/jew

effett ta' raġġi ultra-vjoletti li jifformaw parti mill-gamma tar-raġġi tax-xemx. Bl-eċċezzjoni tal-bibien li jinsabu ħdejn tieqa fit-tarf tal-kuruturi, l-ebda bieb ma huwa espost għar-raġġi ultra-vjoletti b'mod li dawn jista' jkollhom xi kontribut fid-degradazzjoni tal-bibien. Għalhekk, fil-każ tal-bibien kollha minbarra dawn tal-aħħar, l-esponent huwa tal-fehma illi l-kawża ta' din id-degradazzjoni hija intrużjoni ta' ilma; filwaqt li fil-każ ta' dawn il-bibien tal-aħħar, il-kawża tista' tkun kemm intrużjoni ta' ilma, kemm effett tar-raġġi ultra-vjoletti, kif ukoll kumbinazzjoni tat-tnejn.

"6.03.3 Fir-rigward tad-degradazzjoni tal-kuġbieni, l-esponent huwa tal-fehma li l-kawża tad-dan hija penetrazzjoni ta' ilma tal-ħasil tal-art mill-kument tan-naħa t'isfel tal-bieb. Il-ħasil tal-art ma' jista' qatt jitqies bħala traskuraġni, anzi huwa sinjal ta' ġestjoni għaqlija. L-użu ta' *lipping* fil-kument t'isfel tal-bibien kien jevita jew għallinqas inaqqas sostanzjalment il-problema f'din il-parti tal-bibien u għalhekk in-nuqqas ta' dan il-*lipping* għandu jitqies bħala kontribut sostanzjali għal-dik il-parti tal-problema li tirrigwarda il-kiġbieni tal-bibien.

"6.03.4 Minn dak li ġie ikkonstatat waqt l-aċċess, ipoteżi dwar kif setgħat isseħħ tali penetrazzjoni fil-kumplament tas-superfiċi tal-bibien, illi fl-opinjoni tal-esponent hija l-iktar waħda attendibbli, tista' tiġi ifformulata kif ġej:

"6.03.4.1. L-inċiżjonijiet (*grooves*) li hemm fl-uċuħ tal-bibien kif ġew deskritti qabel, jaqtgħu fil-ħxuna intiera tal-fuljetta u jinċidu wkoll fil-*fibreboard* sottostanti l-fuljetta. B'hekk, dawn l-inċiżjonijiet jesponu tliet punti li huma rinomati għad-djufija tagħhom fejn għandha x'taqsam penetrazzjoni ta' ilma, jiġifieri:

"a) Il-kument tal-fuljetta li huwa magħmul mit-truf tal-fibri tal-materjal tal-fuljetta. Filwaqt illi minn tulhom dawn il-fibri huma più o meno impervji għall- ilma, minn trufhom mhux talli mhumiex impervji iżda talli jservu ta' kanali għall-ilma li jippenetra fil-fuljetta permezz ta' dik li tissejjaħ *capillarity*.

"b) L-ispazju mikroskopiku bejn il-fuljetta u l-*fibreboard* sottostanti li huwa fil-biċċa l-kbira tiegħu okkupat mill-kolla li biha titwaħħal il-fuljetta. Għalkemm l-inġenji li jintużaw illum (per eżempju, il-pressa) jgħinu ħafna biex il-kolla tinfirex fi ħxuna uniformi u mas-superfiċi intiera ta' dak li jkun qed jiġi nkollat, xorta waħda jista' jagħti l-każ illi xi partijiet ta' din is-superfiċi jibqgħu neqsin mill-kolla jonkella l-ħxuna tal-kolla tkun xi ftit *microns* irqaq milli fil-kumplament tas-superfiċi. Jekk xi partijiet minn dawn jiġu esposti, jistgħu iservu ta' kanali għall-penetrazzjoni tal-ilma.

"c. Il-materjal tal-*fibreboard* ta' taħt il-fuljetta li huwa materjal sintetiku magħmul minn fibri tal-injam inkollati flinkien, taħt temperatura u pressa għoljin, permezz ta' reżina tal-*urea-formaldehyde*. Dan il-materjal, speċjalment fil-forma magħrufa bħala *MDF,* huwa adattat u jintuża ħafna għal xogħol ta' għamara u bibien interni, iżda ma hu reżistenti xejn għall-ilma, u għalhekk mhux adattat għal użu fejn ikun espost għall-ilma.

"6.03.4.2. Dawn l-inċiżjonijiet, u allura l-punti debboli li jesponu fil-bibien, kienu diġà preżenti fil-kampjuni li twaħħlu qabel ġie ordnat ix-xogħol. Peress illi dawn il-kampjuni kienu aċċettati mis-sid (is-soċjetà rikorrenti) jidher raġonevoli li

wieħed jippreżumi illi allura kienu preżenti wkoll fil-bieb espost fl-istabbiliment tal-kuntrattur (is-soċjetà intimata) meta ġie mifli u ntgħoġob mis-sid (is-soċjetà rikorrenti). Huwa raġonevoli illi wieħed jippreżumi wkoll illi dan il-bieb kien ilu xi żmien mhux ħażin espost f'dan l-istabbiliment iżda ma jidhirx illi immanifesta xi degradazzjoni, għax kieku kien hekk żgur li ma kienux se jiġu ordnati bibien bħalu. Jirriżulta għalhekk illi filwaqt li l-inċiżjonijiet jikkontribwixxu għall-problema odjerna għax jesponu l-imsemmija punti debboli għall-intrużjoni ta' ilma, dawn mhumiex suffiċjenti biex joħolqu tali problema għax kieku kien hekk kienet timmanifesta ruħha l-istess problema anke fil-bieb espost fl-istabbiliment tas-soċjetà intimata. Jiġifieri, dawn l-inċiżjonijiet huma neċessarji biex tinħoloq il-problema odjerna, iżda m'humiex suffiċjenti; tinħtieġ ukoll il-preżenza ta' kwantità ta' ilma fuq is-superfiċi tal-bibien installati fis-sit in kwistjoni.

"6.03.4.3. Il-bibien in kwistjoni huma rifinuti b'lostru tas-*spray* illi għandu l-għan li jagħti dehra isbaħ kif ukoll li jipproteġi is-superfiċi fejn ikun ġie applikat is-*spray* inklużi l-punti debboli msemmja hawn fuq, speċjalment jekk ikun *spray* tal-*acrylic polymer emulsion*. Iżda fil-każ in kwistjoni, jidher ċar illi din il-protezzjoni ġiet nieqsa, u dwar dan huwa opportun li wieħed josserva dan li ġej:

"a) *Spray* huwa magħmul minn qatriet mikroskopiċi li joqogħdu fuq il-wiċċ fejn ikun qed jiġi applikat. Iżda minħabba li l-qtar, meta joqogħdu fuq superfiċi, jieħdu forma rotonda u speċjalment billi dawn isibu posthom b'mod għal kollox fortwit, qatra ħdejn l-oħra qatt ma jistgħu jkopru l-wiċċ kollu għax iħallu bejniethom spazji mikorskopiċi (*instersticies*). Iktar ma jingħataw passati ta' *spray* iktar jiċkienu u jonqsu dawn l-ispazji mikroskopiċi ta' bejn il-qtar, hekk illi wara ħafna passati wieħed jista' jgħid li l-wiċċ ikun kopert kwazi – iżda qatt interament – kollu mis-*spray.*

"b) Jekk superfiċi fejn ġie applikat *spray* hiex issiġillata adegwatament jew le jiddependi wkoll minn kemm tkun esposta u għal xiex tkun esposta. Superfiċi esposta għall-ilma, per eżempju, ikollha bżonn ħafna passati ta' *spray* biex tista' tingħad li hija "issiġillata," filwaqt li superfiċi li tkun imkenna mill-elementi tgħaddi b'inqas passati. F'kuntratt ta' appalt bħal dak odjern, kemm jingħataw passati (*priming coats, undercoats, base coats, mist coats, top coats*) u x'materjal jintuża għas-*spray* huma fost l-affarijiet li għadhom jiġi stipulati fi *specifications.* Il-kuntratt in kwistjoni ma jistipula xejn minn dan.

"6.03.4.4 Hu x'inhu l-każ, filwaqt illi *spray* mhux adegwat (fis-sens illi jew ma ngħatawx biżżejjed passati jew il-materjal li ntuża ma kienx adegwat) jikkontribwixxi għal problema odjerna, għal darb'oħra, fil-fehma tal-esponent dan mhux suffiċjenti biex joħloq tali problema; tinħtieġ ukoll il-preżenza ta' kwantità ta' ilma fuq is-superfiċi tal-bibien.

"6.03.5 Fl-opinjoni tal-esponent, il-punti trattati fil-parti ta' qabel (paragrafu 0) jagħtu ħjiel tal-kawża primarja tal-problema odjerna, jiġifieri ilmiet li ġew f'kuntatt mal-uċuħ tal-bibien in kwistjoni. Jonqos issa li tiġi identifikata l-oriġini ta' dawn l-ilmiet. Iżda, filwaqt illi l-problema fil-kuġbiena tal-bibien tista' tiġi attribwita għall-ilmiet tal-ħasil tal-art (dejjem aggravata bin-nuqqas ta' *lipping*), dik fil-kuplament tal-uċuħ tal-bibien hija kkawżata minn ilmiet illi l-esponent ma kienx f'pużizzjoni li

jidentifika l-oriġini tagħhom. Għalhekk, din l-ipoteżi għandha titqies bħala deduzzjoni loġika li tirriżulta minn analiżi teknika tal-fatti riskontrati u mhux bħala fatt aċċertat bil-provi. Kif diġà ġie rrimarkat qabel, fl-opinjoni tal-esponent din hija l-iktar ipoteżi attendibbli, imma tibqa' ipoteżi.

"6.03.6 Fl-aħħarnett, il-problema in kwistjoni ma teffettwax l-utilità jew l-funzjonalità tal-bibien iżda hija primarjament problema estetika għalkemm jista' jkollha effett *a lungo termine* b'degradazzjoni ulterjuri, b'riżultat illi tiqsar il-ħajja utili tal-bibien. Fil-frattemp, il-problema qegħda teffettwa l-immaġini tal-lukanda tas-soċjetà rikorrenti għax tista' tagħti impressjoni ta' nuqqas ta' ġestjoni serja u professjonali minn naħa tal-operaturi.

"**6.04** <u>**Sommarju tal-konklużjonijiet**</u>

"Fil-qosor, il-konklużjonijiet tal-esponent huma dawn:

a) "Il-bibien in kwistjoni huma tal-kwalità pattwita kif espressa fil-kuntratt ta' appalt;

b) "Id-disinn tax-xogħol huwa risponsabiltà tas-soċjetà rikorrenti, li naqset li tipprovdih;

c) "In-nuqqas ta' *lipping* fil-kument t'isfel tal-bibien jikkonstitwixxi xogħol li mhux skond is-sengħa min-naħa tas-soċjetà intimata u jagħti kontribut sostanzjali għal dik il-parti tal-problema li teffettwa l-kuġbieni tal-bibien;

d) "Fl-opinjoni tal-esponent, l-ipoteżi l-iktar attendibli li tista' tiġi ifformulata dwar il-kawża tal-problema fil-biċċa l-kbira tal-bibien hi li din hija primarjament intrużjoni ta' ilma fil-laħam tal-bibien u dan jindika (iżda ma jippruvax) preżenza ta' ilma fi kwantità li mhux soltu tiġi riskontrata f'ambjenti bħal dak fejn jinsabu installati l-bibien in kwistjoni;

"e) Fil-każ tal-bibien ta' ħdejn it-tieqa fit-tarf tal-kuruturi, fejn il-problema hija iktar mifruxa, ir-raġġi ultra-vjoletti tad-dawl tax-xemx setgħu aggravaw il-problema f'dawn il-bibien;

"f) Il-problema hija waħda estetika għalkemm jista' jkollha effett avvers fuq il-ħajja utli tal-bibien."

"Inoltre, in eskussjoni, il-Perit Tekniku stqarr li dwar ir-rekwizit ta' *lipping* fil-kument ta' isfel, dan huwa huwa neċessarju u s-socjetá konvenuta kellha l-obbligu li tipprovdi bibien skond il-kwalitá pattwita. Difetti ohra ma kienx sab waqt l-access. Minħabba dan id-difett (nuqqas ta' *lipping*) wieħed jista' jgħid li l-bibien kienu skond is-sengha u l-arti kif ukoll skond il-kwalitá patwita ħlief għal dan l-uniku difett, in-nuqqas ta' *lipping*. Dan id-difett għandu kontribut limitat għax

jeffettwa biss lill-kuġbieni t'isfel u l-ebda parti oħra tal-bibien. Qies il-kontribut tan-nuqqas ta' *lipping*, a bażi tas-superfiċi effetwata mill-problema ta' degradazzjoni, għal bejn wiehed u ieħor ħamsa fil-mija tal-problema. Cahad li d-difetti jirrendu l-bibien mhux addattati ghall-uzu f'lukanda, ghax anke l-materjal kien addattat u jintuza hafna ghax-xoghol ta' ghamara u bibien interni. L-i*spray* kien wiehed adegwat, ghalkemm *se mai*, mhux addattat biex jipprotegi l-ucuh tal-bibien kontra hafna tixrid ta' ilma. Fil-fehma tieghu s-socjeta` rikorrenti kellha dritt tippretendi li meta tixtri bibien gidda ghall-prezz ta' vicin Lm70,000 il-bibien ma jispiccawx kif spiccaw. Hu kien osserva degradazzjoni tal-kulur tal-fuljetta li hu assoċjat ma' intrużjoni ta' ilma fil-materjal u/jew espożizzjoni tal-materjal għar-raġġi ultravjoletti tad-dawl tax-xemx. Qabel li l-estetika tal-bibien hija ferm importanti ghal lukanda. Il-materjal uzat kien addattat, il-*lipping* huwa difett li l-effett tieghu huwa limitat ghall-kugbiena t'isfel tal-bibien. Is-socjeta` konvenuta m'ghamlitx *lipping* u s-socjeta` rikorrenti kelha dritt tippretendih. Iddubita li l-bibien jistghu jigu msewwija bil-mod li jigu rimedjati l-effetti ta' degradazzjoni taghhom, u biex jistghu jitrangaw l-ispiza tkun vicin dik ta' bibien godda u dan minhabba li t-tiswija tirrikjedi iktar *mano d'opera* minn manifattura tal-bibien mill-ġdid.

"**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"***<u>D1. Fatti tal-kaz:</u>***

"Il-kawza odjerna tirrigwarda ordni ta' bibien ghal lukanda in segwitu ta' kuntratt ta' appalt fejn is-socjeta` rikorrenti hallset is-somma ta' Lm66,280. Is-socjeta` rikorrenti sostniet li l-bibien ma kienux tal-kwalita` pattwita u d-disinn ma kienx skond is-sengha. Is-socjeta` intimata giet interpellata biex tirranga l-bibien jew tnehhi l-bibien. Talbet li s-socjeta` intimata tikkonsenja bibien tal-kwalita` pattwita u tnehhi dawk mhux skond is-sengha, tistabbilixxi ammont ta' danni sofferti u tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas id-danni likwidati.

"Is-socjeta` intimata cahdet li l-bibien ma kienux mahduma sjkond is-sengha u l-arti u iddikjarat li kwalsiasi problema hija imputabbli ghal traskuragni tal-lukanda attrici. Issollevat li l-kwistjoni tad-disinnma tqajmet qatt qabel il-ftugh tal-kawza odjerna. Sostniet li mhux minnu li thallas il-prezz kollu, tant li kellhom jinfethu proceduri ghall-gbir ta-rrimanenti bilanc quddiem il-Qorti tal-Magistrati.

"***D2. Konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku:***

"Il-Qorti tibda biex tghid li fuq suggett tekniku u specjalizzat, hi mhux kompetenti biex tmeri l-konkluzjonijiet li lahaq l-espert tekniku, u l-partijiet kelhom kull opportunita` jitolbu n-nomina ta' periti addizzjonali jekk ma qablux mal-konkluzjonijiet.

"***D3. Sottomissjonijiet tar-rikorrenti:***

"Ir-rikorrenti sostna li x-xoghol ma kienx maghmul sewwa b'difetti li hargu biss tliet xhur wara li l-bibien gew installati. Dawn id-diffeti hargu mhux htija tar-rikorrenti izda htija ta' l-intimata. Ir-rikorrenti sostna li meta l-Perit Tekniku qal li d-disinn tax-xoghol huwa responsabbilta` tas-socjeta` rikorrenti li naqset li tipprovdieh, dan ma kienx jaqa' fil-kompetenza tieghu ghax kien aspett legali. Ikkritika l-fatt li l-perit dahal fuq l-aspett ta' kwantita` ta' ilma mhux soltu.

"***D4. kostatazzjonijiet dwar il-bibien:***

"Il-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni li l-bibien kellhom id-difett mhux fil-materjal li ntuza izda fin-nuqqas ta' *lipping*, liema nuqqas ippermetta dhul ta' l-ilma fil-bibien b'mod li irrenda l-istess bibien bid-difett, liema difett ma jistax jissewwa u li jnaqqas sostanzjalment il-valur ta' bibien ta' lukanda. Semma wkoll li mhux ekonomikament vijabbli li l-bibien jissewwew. Ma giet ippruvata ebda traskuragni tas-socjeta` rikorrenti u anqas ma ngabet xi prova li hemm xi umdita` jew kwantita` ta' ilma fil-lukanda *de quo*.

"***D5. Responsabbilta` ta' fornitur ta' bibien:***

"Ir-rikorrenti irrefera ghall-kaz ta' **Spiteri vs Associated Supplies Ltd** ta' l-20 ta'Ottubru 2003 (Qorti ta' l-Appell *sede* Inferjuri) il-Qorti qalet li:

> "… l-venditur irid mhux biss jiggwida lill-kompratur potenzjali biex ippogieh f'pozizzjoni li jeffettwa l-ghazla informata li hi l-aktar *idonea* ghalih, izda li dejjem jagixxi in *buona fede* fil-konfront tieghu u ma jindirizzahx lejn

decizjonijiet li jistghu b'xi mod ikunu ta' pregudizzju ghalih u minghajr ma l-kompratur potenzjali jkun qed jara tali pregudizzju."

"Irrefera wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Proinvest Limited vs Giljan Agius** (Appell 8 ta' Jannar 2010) fejn intqal:

"hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm il-darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avoja jkun hemm l-approvazzjoni ta-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew struzzjonijiet, anke *espresso*, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti u ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz tal-appalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz."

"Zied li l-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Muscat vs Cuschieri** deciza fis-26 ta' Mejju 2006 qalet:

"min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni inkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza".

"***<u>D6. Apprezzament tas-sitwazzjoni:</u>***

"F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti trid tqis dak li sar, u cioe` li s-socjeta` rikorrent hallset is-somma ta' Lm66,280 bl-ideja li tiehu bibien sbieh u tajbin, li fil-fatt uzat dawn il-bibien gja ghal oltre tliet snin. Illi meta wiehed jixtri haga, ghandu dritt li din il-haga ma tkunx difettuza, u li tkun tal-kwalita` pattwita. Fil-kaz in ezami, minhabba li ma sarx il-*lipping*, hemm difett konsiderevoli fil-bibien. L-intimat isemmi lista shiha ta' lukandi u postijiet ohra fejn issupplixxa bibien ta' l-istess tip u li ma gralhom xejn. Izda apparti l-fatt li prova ta' dan ma saritx hlief permezz ta' l-affidavit ta' l-istess intimat, jibqa' li ma saret ebda kostatazzjoni fuqhom u jekk per ezempju fil-postijiet imsemmijakienx hemm *fitted carpets* jew art li tinhasel spiss. Ma giex ippruvat li kien hemm xi ilmijiet zejda jew xi umdita` fil-lukanda

tas-socjeta` rikorrenti. Dan iwassal ghall-aspett li s-socjeta` rikorrenti hallset flus tajba u li wiehed kellu jistenna allura li jigi supplit b'materjal tajjeb u li fil-fatt kellha dizappunt meta beda jghaddi z-zmien u bdew hergin id-difetti.

"Min-naha l-ohra l-Qorti tifhem li peress li mhux ekonomikament vijabbli li l-bibien jigu msewwija, il-hsara kbira li ser tigri lis-socjeta` intimata li kieku l-Qorti kellha tasal li tordna li l-istess socjeta` intimata tibdel il-bibien kollha. Din hi sitwazzjoni fejn iz-zewg nahat jipprezentaw id-diffikultajiet kbar taghhom, li pero` l-Qorti trid minn banda tqis li s-socjeta` rikorrenti ghamlet uzu diga u tista' tibqa' taghmel certu uzu mill-bibien ghal numru ta' snin f'lukanda (fejn il-bibien jinbidlu kull numru ta' snin minhabba *refurbishments* li jsiru fil-lukandi) u min-naha l-ohra minhabba d-difett tal-*lipping* is-socjeta` rikorrenti ma gawdietx il-bibien li ordnat bil-mod kif sperat li tgawdi. Il-Qorti ghalhekk waslet ghall-konkluzjoni li m'ghandhiex tordna s-sostituzzjoni tal-bibien, izda li tqis l-ammont konsiderevoli ta' danni li sofriet is-socjeta` rikorrenti."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

"… … … fil-waqt li tikkonferma s-sentenza fejn cahdet l-ewwel, it-tieni u r-raba' eccezzjoniji tas-socjeta` konvenuta titlob li din l-Onorabbli Qorti tikkonferma s-sentenza fejn iddikjarat li kien hemm inadegwatezza totali tal-bibien u fejn sabet li socjeta` attrici ghandha dritt ghal oggetti minghajr difetti, fejn gie dikjarat li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti, tirrevoka s-sentenza fejn laqghet it-tielet eccezzjoni u tiddikjara li d-disinn ma kienx skont is-sengha u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha thallas danni lis-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ammont ta' euro 154390 minflok euro 75000. Titlob ukoll ir-revoka tas-sentenza in kwantu kundannat lis-socjeta` attrici biex thallas kwart tal-ispejjez u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta biex thallas l-ispejjez kollha.

Bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` intimata."

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha:

> "… … … tbiddel, tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn u sa fejn laqghet l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata appellanti, tichad ukoll in toto t-tielet u r-raba' talbiet attrici, u tilqa' in toto l-bqija tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` konvenuta appellanti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` attrici appellata."

Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici ghall-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti li din il-Qorti ghandha tichad l-appell ta' Fithome Interiors Ltd., bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-partijiet dahlu f'kuntratt ta' appalt sabiex is-socjeta` konvenuta tiehu hsieb il-manifattura, il-konsenja u l-installar ta' bibien gewwa lukanda. Is-socjeta` attrici, li kkummissjonat ix-xoghol, allegat li l-bibien li gew installati ma kienux skont il-kwalita` pattwita, u d-disinn tal-istess ma kienx skont is-sengha.

Jirrizulta li s-socjeta` attrici ghazlet it-tip ta’ bieb li riedet u, qabel ma ghamlet l-ordni, riedet li jitwahhal kampjun ma’ fetha ta’ kamra. Hekk sar, u wara li twahhal il-bieb kampjun, saret l-ordni biex isiru l-bibien tal-kmamar kollha tal-lukanda; il-bibien kellhom jigu immanufatturati u installati skont il-kampjun.

L-ewwel Qorti hatret perit tekniku biex jassistiha fl-indigini taghha u dan irrelata li l-bibien huma skont il-kampjun, u li l-bibien saru skont l-arti u s-sengha hlief li ma twahhalx *lipping* in-naha ta’ isfel tal-bibien, jigifieri, fil-kugbiena, bir-rizultat li l-bibien umdaw. Il-perit tekniku qies dan bhala nuqqas tas-socjeta` konvenuta peress li b’hekk giet imqassra l-hajja utili tal-bibien. Il-perit tekniku ipotizza li l-bibien jidhru ftit zdingati (fil-parti ta’ isfel taghhom) minhabba l-ilma li jintuza ghall-hasil tal-art, u n-nuqqas ta’ *lipping* wassal ghal intruzjoni esagerata ta’ ilma fil-laham tal-bibien; jghid li dan id-difett ghandu kontribut limitat li kkwalifika ghal 5% ghax jaffettwa biss lill-kugbieni ta’ isfel u l-ebda parti ohra tal-bibien. L-ewwel Qorti accettat il-konkluzjoni tal-perit tekniku, fosthom li d-disinn kien wiehed skont is-sengha, u peress li qieset li ma jkunx vijabbli li tordna s-sostituzzjoni tal-bibien kollha, stabbiliet danni arbitrio et boni viri f’ammont ta’ €75,000.

Mis-sentenza tal-ewwel Qorti appellaw iz-zewg partijiet. Is-socjeta` attrici tghid li hi hallset jew ghandha thallas €154,390 ghall-bibien li jirrizultaw difettuzi, u s-somma li stabbiliet l-ewwel Qorti hija “ftit wisq” bhala kumpens;

tghid ukoll illi ma taqbilx li d-disinn kien skont is-sengha. Is-socjeta` konvenuta min-naha l-ohra, tghid li hi ssupliet bibien skont l-arti u s-sengha, u l-hsara li gew riskontrati fihom ma humiex rizultat ta' xi nuqqas taghha. L-aggravji relattivi se jigu trattati flimkien ghax it-tnejn jirreferu ghall-meritu nnifsu tal-kwistjoni.

Din il-Qorti, mill-assjen tal-provi, tara li, fil-fatt, il-bibien infushom saru tajjeb u huma tal-kwalita` pattiwita. Jirrizulta, pero`, li dawn sofrew hsara fil-parti ta' isfel taghhom peress illi qed jumdaw. Skont rapport imhejji minn ditta estera u ikkummissjonat mis-socjeta` konvenuta, dan hu rizultat tal-fatt li ilma dahal fil-vina esposta tal-bibien. Dan ikkonfermah ukoll il-perit tekniku imqabbad mill-ewwel Qorti. Is-socjeta` konvenuta titfa' responsabbilita` ghal dan fuq is-socjeta` attrici, pero`, jirrizulta li fil-lukanda ma kienx hemm evidenza ta' umdita` jew ilma, u l-perit tekniku irrelata li ma setax jghid b'mod konklussiv ghaliex il-bibien, li kienu ta' kwalita` tajba, umdaw, pero`, mill-esperjenza u mill-analizi teknika li ghamel tal-fatti, qies li l-hsara grat minhabba nuqqas ta' *lipping* fil-bibien. Is-socjeta` konvenuta tissottometti illi darba li la l-aktar li kien hemm hsara kien fil-bibien tas-sular ta' fuq tal-lukanda, li ghandha pool fuq il-bejt taghha, ifisser li l-pool kellha leak u nizel hafna ilma fuq il-bibien. Din pero`, hi biss kongentura u l-perit tekniku ma sab ebda sinjali ta' leak fil-pool, u lanqas li l-ilma tal-pool kien il-kagun tal-problema. Din il-Qorti tara li, fuq bilanc ta' probabbilita`, tista' toqghod fuq din l-opinjoni tal-perit tekniku ghax hi bazata mhux fl-ajru, izda fuq l-analizi teknika li ghamel l-istess perit u l-

esperjenza tieghu fil-mestjer. Hija opinjoni li taghti spjegazzjoni logika u plawsibbli ta’ dak li gara, u hi konformi ma’ dak li gara fil-kaz u cioe`, l-umidazzjoni tal-kugbiena tal-bibien fuq medda ta’ zmien.

Issa, kif inhu risaput, huwa dover tal-appaltatur li jippresta mhux biss xoghol tajjeb, izda xoghol utili ghal min qabdu u xoghol li jaghti rizultat tajjeb ghall-uzu li l-kommittent irid minn dak ix-xoghol. L-appaltatur hu dejjem obbligat li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti ghalih, u “*ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun isir utilment u mhux b’mod li ’l quddiem juri difetti*” – ara **Francica v. Buhagiar**, deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ April, 2004.

Is-socjeta` konvenuta kienet taf li l-bibien kienu se jigu installati f’lukanda, fejn il-hasil tal-art isir b’mod regolari u mhux necessarjament bl-istess galbu kif mara tad-dar tahsel l-art tad-dar taghha. Kif irrelata l-perit tekniku, f’kazijiet bhal dawn, it-tqeghid tal-*lipping* fuq il-kugbiena tan-naha ta’ isfel tal-bieb, kienet “*mizura elementari*” biex tigi evitata hsara rizultat tal-ilma tal-hasil tal-art. Il-bibien saru b’incizjonijiet li jaqtghu fil-hxuna intiera tal-fuljetta u jincidu wkoll fil-fibreboard ta’ taht il-fuljetta. B’hekk, gew esposti tliet punti li huma rinomati ghad-djufija taghhom fejn ghandha x’taqsam penetrazzjoni ta’ ilma. Is-socjeta` konvenuta suppost kienet taf b’dan, izda ma hadet ebda prekawzjoni kontra t-tixrid tal-umdita`. Kien dmir taghha li tpoggi lis-socjeta`

attrici f'posizzjoni li tkun tista' taghmel uzu mill-bibien tul il-hajja normali taghhom, u kellha tipprevedi dak li kien prevedibbli fic-cirkostanzi tal-kaz. Hi naqset anke li taghti bizzejjed passati ta' spray li setghu, fin-nuqqa ta' *lipping*, jaghtu izjed protezzjoni lill-bibien.

Min-naha l-ohra, ma tistax titqies li dan kien difett sostanzjali fl-appalt kif tippretendi s-socjeta` attrici. Il-perit tekniku qal li l-bibien huma addattati ghall-uzu f'lukanda, u d-difett ghandu "*kontribut limitat*" ghax jaffettwa biss il-kugbieni ta' isfel. Fil-fatt, il-kontribut tan-nuqqas ta' *lipping* stmah ghal, bejn wiehed u iehor, 5%. Ix-xoghol, ghalhekk ma jistax jitqies li ma giex esegwit, u kwindi l-appaltatur irid jithallas ta' xoghlu, pero`, irid isir tnaqqis fil-prezz minhabba d-difetti riskontrati (ara **Cachia v. Psaila**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar 2014). F'dan il-kaz, il-perit tekniku ma harigx stima tad-difetti, u l-ewwel Qorti, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha, illikwidat hi d-danni fl-ammont ta' €75,000.

Din il-Qorti tara li l-figura adoperata mill-ewwel Qorti hija wahda gusta, u la tara li ghandha tizdied, kif titlob is-socjeta` attrici u lanqas li ghandha tonqos, kif trid is-socjeta` konvenuta. Ghalkemm id-difett huwa ta' 5% biss, u ma jaffettwax l-utilita` jew il-funzjonalita` tal-bibien, l-effett estetiku gewwa l-lukanda ma ghandux jitqies zghir. L-ewwel Qorti ezercitat id-diskrezzjoni

taghha f'din il-materja, u din il-Qorti tara li, kollox ma' kollox, l-uzu tad-diskrezzjoni sar b'mod korrett u ma hemmx lok li ssir xi revizjoni fir-rigward.

Dwar il-kwistjoni tad-disinn, is-socjeta` attrici ma wrietx ghaliex ma taqbilx mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li dan sar skont is-sengha. Meta inghatat l-ordni ghall-bibien, is-socjeta` attrici ma ppretendietx disinn specifiku ghall-bibien, imma stipulat biss li l-bibien ikunu skont il-kampjun. Fil-fatt hekk jirrizulta li huma l-bibien in kwistjoni, u l-kuntrattur ma gie mghobbi bl-ebda forma partikolari. Id-disinn, ovvjament u f'kull kaz, irid jaghti rizultat skont l-arti u s-sengha, u l-perit tekniku irrelata li hekk huma, hlief li kienu nieqsa mil-*lipping* mehtiega f'dan il-kaz.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tichad kemm l-appell tas-socjeta` attrici u kemm l-appell tas-socjeta` konvenuta, u s-sentenza tal-ewwel Qorti qed tigi konfermata in toto.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu kwart ($^{1}/_{4}$) mis-socjeta` attrici (Stivala Operators Ltd.) u tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) mis-socjeta` konvenuta (Fithome Interiors Ltd.)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------